



Kunsill Ewropew

Brussell, 22 ta' Marzu 2024
(OR. en)

EUCO 7/24

CO EUR 6
CONCL 2

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (21 u 22 ta' Marzu 2024) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tan-NU António Guterres dwar is-sitwazzjoni ġeopolitika u l-isfidi dinjija ewlenin.

Il-Kunsill Ewropew fakkar it-30 anniversarju tal-Ftehim ŻEE mal-Prim Ministri tal-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

*

* *

I. UKRAJNA

1. Sentejn mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni li r-Russja nediet kontra l-Ukrajna, u għaxar snin wara l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mir-Russja, it-tnejn bi ksur ċar tal-obbligi tagħha skont il-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali, il-Kunsill Ewropew huwa dejjem aktar sod fl-appoġġ tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Ir-Russja ma għandhiex tipprevali.

Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, l-Unjoni Ewropea hija determinata li tkompli ttipprovdi lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha l-appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku kollu meħtieġ sakemm ikun hemm bżonn u bl-intensità li tkun meħtieġa. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-alleati u lis-sħab madwar id-dinja jingħaqdu f'dan l-isforz.

2. Waqt li teżerċita d-dritt inerenti tagħha għall-awtodifiża, l-Ukrajna teħtieġ urġentement sistemi ta' difiża tal-ajru, munizzjon u missili. F'dan il-mument kritiku, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri ser iħaffu u jintensifikaw it-twassil tal-assistenza militari kollha meħtieġa. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-inizjattivi reċenti kollha f'dan ir-rigward, inkluż dik immedija miċ-Ċekja biex jiġi akkwistat b'mod urġenti munizzjon għall-Ukrajna, li ser jippermettu li jitwettaq b'mod rapidu l-impenn tal-UE li l-Ukrajna tiġi pprovduta b'miljun balla ta' munizzjon tal-artillerija.

3. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehimiet bilaterali dwar l-impenji ta' sigurtà konklużi mal-Ukrajna minn diversi Stati Membri u sħab. Huwa rrieżamina l-progress fil-kontribut tal-UE għall-impenji ta' sigurtà lill-Ukrajna, li ser jgħinu lill-Ukrajna tiddefendi ruħha, tirreżisti l-isforzi ta' destabbilizzazzjoni u tiskoraġġixxi atti ta' aggressjoni fil-futur. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Fond ta' Assistenza għall-Ukrajna li tiżgura l-kontinwazzjoni tal-appoġġ militari għall-Ukrajna taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill jaħdem fuq it-tmien pakkett ta' appoġġ għall-Ukrajna taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi. Huwa jilqa' wkoll iż-żieda fil-kapaċità tal-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE (EUMAM).
4. Il-Kunsill Ewropew irrieżamina l-progress fil-passi konkreti li jmiss biex id-dħul straordinarju li jirriżulta mill-assi immobilizzati tar-Russja jiġi dirett għall-benefiċċju tal-Ukrajna, inkluż il-possibbiltà li jiġi ffinanzjat l-appoġġ militari. Huwa jistieden lill-Kunsill imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq il-proposti reċenti mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni.
5. L-appoġġ militari u l-impenji ta' sigurtà tal-UE ser jiġu pprovduti b'rispett sħiħ għall-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri u b'kont meħud tal-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.

6. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tat-13-il pakkett ta' sanzjonijiet. Huwa jappella għal aktar passi biex tiddgħajjed il-kapaċità tar-Russja li tkompli għaddejja bil-gwerra ta' aggressjoni tagħha, inkluż bit-tisħiħ tas-sanzjonijiet. L-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tas-sanzjonijiet hija essenzjali. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni jtejbu l-iskambju ta' informazzjoni, isaħħu l-implimentazzjoni u jżidu l-azzjoni tal-UE u l-Istati Membri ma' pajjiżi terzi, u jagħlqu l-lakuni kemm għewwa l-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha. Dan jinkludi l-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet permezz ta' pajjiżi terzi, u l-iżgurar tal-infurzar tagħhom, anke fir-rigward ta' sussidjarji ta' kompaniji tal-UE barra mill-pajjiż. L-aċċess tar-Russja għal oġġetti u teknoloġiji sensitivi b'rilevanza għall-kamp tal-battalja jrid jiġi ristrett sa fejn ikun l-aktar possibbli, inkluż billi jiġu mmirati entitajiet f'pajjiżi terzi li jagħmlu din iċ-ċirkomvenzjoni possibbli. Il-Kunsill Ewropew jappella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex iħejju aktar sanzjonijiet kontra l-Belarusja, il-Korea ta' Fuq u l-Iran.
7. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-partijiet terzi biex iwaqqfu minnufih il-forniment ta' appoġġ materjali għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Jinsab estremament imħasseb bir-rapporti li l-Iran jista' jittrasferixxi missili ballistiċi u teknoloġija relatata lir-Russja għall-użu kontra l-Ukrajna wara li forna inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) lir-reġim Russu, li jintużaw f'attakki bla heda kontra l-popolazzjoni ċivili fl-Ukrajna. F'każ li l-Iran jagħmel hekk, l-Unjoni Ewropea hija preparata biex tirrispondi malajr u f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, inkluż b'miżuri restrittivi ġodda u sinifikanti kontra l-Iran.
8. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem mir-Russja fit-territorji Ukreni okkupati, inkluż id-deportazzjoni tat-tfal. Huwa jiċċhad bil-qawwa u qatt mhu ser jirrikonoxxi l-hekk imsejħa "elezzjonijiet" illegali organizzati mir-Russja fit-territorji Ukreni okkupati temporanjament tal-Krimea, Sevastopol, Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson, u lanqas ir-riżultati tagħhom.

9. Ir-Russja u t-tmexxija tagħha jridu jinżammu kompletament responsabbli għall-gwerra ta' aggressjoni li qed twettaq kontra l-Ukrajna u għal delitti oħra mill-aktar serji skont id-dritt internazzjonali, kif ukoll għad-dannu massiv ikkawżat mill-gwerra tagħha. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-isforzi li għaddejjin, inkluż fil-Grupp Prinċipali, biex jiġi stabbilit tribunal għall-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna li għandu jgawdi l-akbar appoġġ u leġittimità transreġjonali, u mekkaniżmu ta' kumpens futur.
10. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tappoġġa, f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, ir-reparazzjoni, l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew jilqa' t-tisħiħ reċenti tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea (EUAM) fl-Ukrajna li ser jippermetti li jiżdied l-appoġġ għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi Ukreni fit-territorji liberati u adjaċenti tal-Ukrajna, u għar-riformi fil-kuntest tal-proċess ta' adegżjoni tagħha mal-UE. Il-Kunsill Ewropew jappella għal aktar appoġġ għar-riabilitazzjoni psikoloġika u psikosoċjali u għal aktar assistenza għat-tneħħija tal-mini.
11. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu bl-isforzi ta' kuntatti intensivi globali tagħhom biex jiġi żgurat l-appoġġ internazzjonali l-aktar wiesa' possibbli għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema u għall-prinċipji u l-oġettivi ewlenin tal-Formula ta' Paċi Ukrena, bil-ħsieb ta' Summit Globali futur dwar il-Paċi.
12. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza strateġika tas-sigurtà u l-istabbiltà fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed. Huwa jissottolinja l-ħtieġa li l-Ukrajna tiġi meġġuna tibni mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha fis-swieq ta' esportazzjoni tradizzjonali tagħha, partikolarment fil-Lvant Nofsani u l-Afrika.
13. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprovdi l-appoġġ rilevanti kollu lir-Repubblika tal-Moldova fl-indirizzar tal-isfidi li qed tiffaċċa bħala konsegwenza tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u biex issaħħaħ ir-reżiljenza, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-pajjiż fil-konfront tal-attivitajiet destabilizzanti mir-Russja. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-impenji bilaterali tal-Istati Membri biex jappoġġaw il-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Moldova sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur tas-sigurtà.

14. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa wkoll lill-Georgia fit-tisħiħ tar-reżiljenza tagħha u fl-indirizzar tal-isfidi li qed tiffaċċa bħala konsegwenza tal-azzjonijiet tar-Russja biex iddgħajjef l-integrità territorjali tal-Georgia kif ukoll il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

II. SIGURTÀ U DIFIŻA

15. L-Unjoni Ewropea hija impenjata li ttejjeb l-istat ta' tħejjija u l-kapaċitajiet ġenerali tagħha ta' difiża biex tissodisfa l-ħtiġijiet u l-ambizzjoni tagħha fil-kuntest tat-theddid u tal-isfidi għas-sigurtà li qed jiżdiedu. Filwaqt li tibni fuq id-Dikjarazzjoni ta' Versailles u l-Boxxla Strateġika, hija impenjata li tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi tagħha u żżid il-kapaċitajiet tagħha. Il-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea għandha tissaħħaħ kif xieraq fl-Unjoni kollha. It-titjib tal-istat ta' tħejjija tad-difiża u t-tisħiħ tas-sovranità tal-Unjoni ser jirrikjedu sforzi addizzjonali, skont il-kompetenzi tal-Istati Membri, biex:
 - a) jiġi sodisfatt l-impenn kondiviż biex tiżdied sostanzjalment in-nefqa għad-difiża, u jsir investiment aħjar u aktar malajr flimkien;
 - b) jittejjeb l-aċċess tal-industrija tad-difiża Ewropea għall-finanzi pubbliċi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jesploraw l-għażliet kollha għall-mobilizzazzjoni tal-finanzjament u jagħtuh rapport dwar dan sa Ġunju. Minbarra dan, il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa mistieden jadatta l-politika tiegħu tas-self lill-industrija tad-difiża u d-definizzjoni attwali tiegħu ta' oġġetti b'użu doppju, filwaqt li jissalvagwardja l-kapaċità ta' finanzjament tiegħu;
 - c) jiġu inċentivati l-iżvilupp u l-akkwist konġunt biex jiġu indirizzati diskrepanzi fil-kapaċitajiet kritiċi tal-UE, b'mod partikolari fil-faċilitaturi strateġiċi, filwaqt li jsir użu sħiħ mis-sinerġiji bejn proċessi differenti nazzjonali u Ewropej tal-ippjanar tad-difiża;

- d) jittejjeb l-investiment kooperattiv/konġunt fid-difiża, mir-riċerka u l-iżvilupp sal-istadju tal-ippjanar, sal-industrijalizzazzjoni u l-akkwist konġunt, u tittejjeb il-prevedibbiltà, pereżempju permezz ta' kuntratti fissi pluriennali;
 - e) tiżdied ir-reżiljenza tal-industrija Ewropea tad-difiża, il-flessibbiltà u l-kapaċità tagħha li tiżviluppa u tipproduċi prodotti innovattivi tad-difiża, filwaqt li jittejjbu l-interoperabbiltà u l-interkambjabbiltà tagħhom, u tiġi żgurata d-disponibbiltà tagħhom għall-Istati Membri;
 - f) tiġi inċentivata aktar integrazzjoni tas-suq Ewropew tad-difiża mal-Unjoni kollha, billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ktajjen tal-provvista tad-difiża, b'mod partikolari għall-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, u billi titnaqqas il-burokrazija;
 - g) jittejjbu r-rispons rapidu u l-identifikazzjoni f'waqtha ta' konġestjonijiet fil-ktajjen tal-provvista għas-suq tad-difiża u jiġi żgurat li r-regolamentazzjoni tal-UE ma tkunx impediment għall-iżvilupp tal-industrija tad-difiża Ewropea;
 - h) jiġu appoġġati inizjattivi biex ikompli jsir investiment f'ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet prevalenti ta' ħaddiema u ħiliet fl-industrija tad-difiża.
16. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni javvanzaw malajr il-ħidma fuq il-Komunikazzjoni Konġunta dwar Strateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIS). Jistieden ukoll lill-Kunsill imexxi 'l quddiem mingħajr dewmien il-ħidma fuq il-proposta li takkumpanjaha għal Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP).
17. L-implimentazzjoni tal-Boxxla Strateġika tibqa' element ewlieni biex jittejjeb l-istat ta' tħejjija fir-rigward tad-difiża tal-Ewropa u għandha tiġi aċċellerata. Il-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE, il-mobbiltà militari, l-eżerċizzji diretti, it-tisħiħ tas-sigurtà fl-ispazju, il-ġlieda kontra t-theddid ċibernetiku u ibridu u l-indirizzar tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin (FIMI) huma ta' importanza partikolari f'dak ir-rigward.

18. Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà globali u trans-Atlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva għall-membri tagħha.
19. Dan kollu huwa mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri, u jqis l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.

III. LVANT NOFSANI

20. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-aħħar żviluppi fil-Lvant Nofsani. Huwa jistmerr it-telf bla preċedent ta' ħajjiet ċivili u s-sitwazzjoni umanitarja kritika. Il-Kunsill Ewropew jappella għal pawża umanitarja immedjata li twassal għal waqfien mill-għied sostenibbli, il-ħelsien mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha u l-provvista ta' assistenza umanitarja.
21. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu li jikkundannaw lill-Hamas bl-aktar mod qawwi possibbli għall-attakki terroristiċi brutali u indiskriminati tiegħu madwar Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023, filwaqt li jirrikonoxxi d-dritt ta' Iżrael li jiddefendi lilu nnifsu f'konformità mad-dritt internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali, u jappella għall-ħelsien immedjat tal-ostaġġi kollha mingħajr ebda prekundizzjoni. Is-sikurezza u l-benesseri tagħhom huma ta' tħassib serju. Il-Hamas u gruppi armati oħra jridu immedjatament jagħtu aċċess umanitarju lill-ostaġġi kollha li fadal. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill jaċċellera l-ħidma fuq l-adozzjoni ta' aktar miżuri restrittivi rilevanti kontra l-Hamas.

22. Il-Kunsill Ewropew huwa mħasseb serjament dwar is-sitwazzjoni umanitarja katastrofika f'Gaza u l-effett sproporzjonat tagħha fuq iċ-ċivili, b'mod partikolari t-tfal, kif ukoll ir-riskju imminenti ta' karestija riżultat tal-ghajjnuna insuffiċjenti li qed tidħol f'Gaza. Aċċess umanitarju sħiħ, rapidu, sikur u mingħajr xkiel għall-Istrixxa ta' Gaza, kollha kemm hi, permezz tar-rotot kollha huwa essenzjali biex il-popolazzjoni ċivili tingħata assistenza li ssalva l-ħajjiet u servizzi bażiċi fuq skala kbira. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Inizjattiva Amalthea li tiftaħ rotta marittima għall-assistenza ta' emerġenza minn Ċipru għal Gaza, li tissupplimenta r-rotot tal-art li jibqgħu l-mod ewlieni biex jitwasslu l-volumi meħtieġa. Huma meħtieġa aktar rotot u punti ta' qsim fuq l-art.
23. Għandhom jittieħdu miżuri immedjati biex jiġi evitat kwalunkwe spostament ulterjuri tal-popolazzjoni u jiġi pprovdut kenn sikur lill-popolazzjoni biex jiġi żgurat li ċ-ċivili jkunu protetti l-ħin kollu. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-gvern Iżraeljan ma jwettaqx operazzjoni fuq l-art f'Rafah, li taggrava s-sitwazzjoni umanitarja diġà katastrofika u tipprevjeni l-provvista meħtieġa b'mod urġenti ta' servizzi bażiċi u assistenza umanitarja. Attwalment aktar minn miljun Palestinjan qed ifittxu sikurezza mill-ġlied u aċċess għal assistenza umanitarja hemmhekk.
24. Jenħtieġ li l-partijiet kollha jirrispettaw id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tar-rispett u l-implimentazzjoni tad-digriet tas-26 ta' Jannar 2024 tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, li huwa legalment vinkolanti. Hemm bżonn li l-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali jiġi investigat bir-reqqa u b'mod indipendenti u li jiġi żgurat li tintrefa' r-responsabbiltà. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota, bi tħassib serju, tar-rapporti mir-Rappreżentant Speċjali tan-NU Pramila Patten u jistmerr il-vjolenza sesswali waqt l-attakki tas-7 ta' Ottubru. L-Unjoni Ewropea tappoġġa l-investigazzjonijiet indipendenti tal-allegazzjonijiet kollha ta' vjolenza sesswali, u tieħu nota wkoll tar-rapporti mir-Rapporteur Speċjali tan-NU Reem Alsalem.

25. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza li s-servizzi pprovduti mill-UNRWA f'Gaza u fir-reġjun kollu huma essenzjali. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-miżuri reċenti tal-UE u tal-appoġġ finanzjarju. Huwa jilqa' t-tnedija rapida min-NU ta' investigazzjoni interna u rieżami estern wara l-allegazzjonijiet serji kontra 12-il membru tal-persunal tal-UNRWA dwar l-allegata parteċipazzjoni tagħhom fl-attakki terroristiċi tas-7 ta' Ottubru. Huwa jistenna b'interess ir-riżultati tal-investigazzjoni u azzjoni deċiżiva ulterjuri min-NU biex jiġi żgurat li tintrefa' r-responsabbiltà u jissaħħu l-kontroll u s-sorveljanza.
26. Il-Kunsill Ewropew jappella għal waqfien immedjat tal-vjolenza fix-Xatt tal-Punent u f'Ġerusalem tal-Lvant kif ukoll għall-iżgurar ta' aċċess sikur għas-siti sagri. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza tal-insedjamenti estremisti. Jenħtieġ li l-awturi jinżammu responsabbli. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill biex jaċċellera l-ħidma fuq l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi rilevanti mmirati. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna d-deċiżjonijiet tal-Gvern Iżraeljan li jkompli jespandi l-insedjamenti illegali fix-Xatt tal-Punent okkupat. Huwa jħeġġeġ lil Iżrael ireġġa' lura dawn id-deċiżjonijiet.
27. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem b'mod intensiv mas-sħab reġjonali u internazzjonali biex tiġi evitata aktar eskalazzjoni reġjonali, b'mod partikolari fil-Libanu u l-Baħar l-Aħmar. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-atturi kollha, partikolarment l-Iran, biex iżommu lura minn azzjonijiet eskalatorji. Huwa jilqa' t-tnedija tal-Operazzjoni ASPIDES tal-UE għas-salvagwardja tal-libertà tan-navigazzjoni u s-sigurtà tal-baħħara fil-Baħar l-Aħmar, il-Golf ta' Aden u r-reġjun usa'.

28. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata bis-sħiħ għal paċi dejjiema u sostenibbli bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati. Il-Palestinjani u l-Iżraeljani għandhom dritt ugwali li jgħixu fis-sikurezza, id-dinjità u l-paċi. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-partijiet kollha biex iżommu lura minn azzjonijiet li jdgħajfu l-prinċipju tas-soluzzjoni ta' żewġ stati u l-vijabbiltà ta' stat Palestinjan futur. Huwa jfakkar li ż-żewġ missjonijiet tal-PSDK – il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) u l-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EUBAM Rafah) – jistgħu jaqdu rwol importanti abbażi ta' dan il-prinċipju b'appoġġ għal stat Palestinjan futur. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta taħdem ma' Iżrael, l-Awtorità Palestinjana, u partijiet reġjonali u internazzjonali biex tikkontribwixxi għar-rilanċ ta' proċess politiku, inkluż permezz tal-inizjattiva ta' Jum il-Paċi u Konferenza dwar il-Paċi li għandha titlaqqa' mill-aktar fis possibbli, u tappoġġa lill-Awtorità Palestinjana fit-tweqqif tar-riforma meħtieġa. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tappoġġa sforz internazzjonali koordinat għall-bini mill-ġdid ta' Gaza.

IV. TKABBIR U RIFORMI

29. Filwaqt li fakkar fid-Dikjarazzjoni ta' Granada, il-Kunsill Ewropew evalwa t-tnejn għat-**tkabbir** u r-riformi interni filwaqt li fakkar li l-ħidma fuq iż-żewġ binarji jeħtieġ li tavvanza b'mod parallel biex jiġi żgurat li kemm l-Istati Membri futuri kif ukoll l-UE jkunu lesti fil-mument tal-adeżjoni. Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza r-riformi interni f'laqgħa tiegħu li jmiss bil-ħsieb li sas-sajf 2024 jadotta konklużjonijiet dwar pjan direzzjonali għall-ħidma futura.
30. Filwaqt li jibni fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2024, il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi li jiftaħ in-negozjati tal-adeżjoni mal-Bożnija-Ħerzegovina. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tħejji l-qafas ta' negozjar bil-ħsieb tal-adozzjoni tiegħu mill-Kunsill malli jittieħdu l-passi rilevanti kollha stipulati fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2022.

31. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress tal-Ukrajna u tar-Repubblika tal-Moldova fl-avvanz tar-riformi meħtieġa fi triqthom lejn l-UE. Wara s-sottomissjoni tal-abbozzi ta' oqfsa ta' negozjar għall-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill jadottahom malajr u jmessi 'l quddiem il-ħidma mingħajr dewmien.
32. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-isforzi li għaddejnin tal-Georgia u jħeġġeġ lill-pajjiż javvanza fir-riformi prijoritarji pendenti.

V. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Sħubijiet komprensivi

33. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-dikjarazzjoni konġunta dwar is-sħubija strateġika u komprensiva bejn l-Unjoni Ewropea u l-Eġittu.
34. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll is-shubija mal-Mauritania.
35. Huwa jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ u l-iżvilupp ta' sħubijiet strateġiċi bħal dawn.

Haiti

36. Il-Kunsill Ewropew jinsab estremament imħasseb dwar is-sitwazzjoni li qed tiddeterjora fil-Haiti u t-tbatija kkawżata lill-popolazzjoni bħala riżultat tal-mewġa l-ġdida ta' vjolenza li bdiet fl-aħħar ta' Frar. Huwa jilqa' r-rilaxx reċenti mill-Unjoni Ewropea ta' EUR 20 miljun f'appoġġ umanitarju. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ l-isforzi li għaddejnin biex jiġi stabbilit pjan ta' tranżizzjoni politika vijabbli, inklużiv u sostenibbli mmexxi mill-Haiti. Huwa jappella lill-forzi politiċi Haitjani kollha biex jaġixxu b'mod responsabbli billi jfittxu kompromess biex jaqblu dwar it-triq 'il quddiem fl-aħjar interessi tal-pajjiż u tal-popolazzjoni li ilha tbat. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-Risoluzzjoni 2699 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li tistabbilixxi Missjoni Multinazzjonali ta' Appoġġ għas-Sigurtà u jissottolinja l-importanza tal-iskjerament rapidu tagħha.

Russja

37. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjoni tal-priġunieri politiċi kollha fir-Russja u biex tintemm il-persekuzzjoni tal-oppożizzjoni politika. Ir-responsabbiltà aħħarija għall-mewt ta' Alexei Navalny hija tal-awtoritajiet Russi. Il-Kunsill Ewropew jappella għal investigazzjoni internazzjonali indipendenti u trasparenti dwar iċ-ċirkostanzi eżatti tal-mewt tiegħu. Huwa jilqa' l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi ġodda kontra dawk responsabbli għal ksur u abbuż serji tad-drittijiet tal-bniedem u jappella biex titmexxa 'l quddiem il-ħidma fil-Kunsill sabiex jiġi stabbilit reġim ġdid ta' sanzjonijiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Russja u l-azzjonijiet destabbilizzanti tagħha barra mill-pajjiż.
38. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-persekuzzjoni motivata politikament mir-Russja ta' ċittadini tal-UE. Huwa jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jieħdu l-passi meħtieġa biex jipprevjenu l-eżekuzzjoni minn pajjiżi terzi ta' mandati ta' arrest maħruġa mir-Russja f'każijiet bħal dawn.

Belarussja

39. Il-Kunsill Ewropew huwa mħasseb serjament dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja. Ir-repressjoni, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u r-restrizzjonijiet fuq il-parteciġazzjoni politika u l-aċċess għall-media indipendenti fil-Belarussja laħqu livelli bla preċedent fil-perjodu ta' qabel l-elezzjonijiet parlamentari u lokali tal-25 ta' Frar, li naqsu milli jissodisfaw l-istandards demokratiċi bażiċi. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjoni tal-priġunieri politiċi kollha. Huwa jtenni s-solidarjetà tal-UE mas-soċjetà ċivili u l-forzi demokratiċi Belarussi.

VI. MIGRAZZJONI

40. Il-Kunsill Ewropew irrieżamina s-sitwazzjoni attwali dwar il-migrazzjoni b'segwitu għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni u afferma mill-ġdid l-impenn tal-UE li tkompli ssegwi approċċ komprensiv għall-migrazzjoni kif maqbul fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2023. Waqt li jinnotta li aktar minn 90 % tal-migranti irregolari jidħlu fl-UE bl-għajnuna ta' faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' bnedmin, il-Kunsill Ewropew jappoġġa d-determinazzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tal-UE sabiex tiġġieled b'mod effettiv it-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin, filwaqt li fl-istess ħin tniedi Alleanza Globali biex twieġeb għal din l-isfida globali.

VII. AGRIKOLTURA

41. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza ta' settur agrikolu reżiljenti u sostenibbli għas-sigurtà tal-ikel u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, il-valur ta' komunitajiet rurali haġja, u r-rwol essenzjali tal-Politika Agrikola Komuni f'dak ir-rigward. Il-bdiewa jeħtieġu qafas stabbli u prevedibbli, biex fost l-oħrajn ma jitħallewx jindirizzaw l-isfidi ambjentali u klimatiċi waħedhom.
42. Il-Kunsill Ewropew reġa' lura għall-isfidi attwali fis-settur agrikolu u t-tħassib imqajjem mill-bdiewa. Huwa evalwa l-ħidma li għaddejja fil-livell Ewropew. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill imexxu 'l quddiem il-ħidma mingħajr dewmien, b'mod partikolari dwar:
- a) il-miżuri kollha possibbli fuq perjodu qasir u medju u soluzzjonijiet innovattivi, inkluż dawk biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u biex tinkiseb simplifikazzjoni għall-bdiewa;
 - b) it-tiħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel, b'mod partikolari biex jiġi żgurat introjtu ekwu;

- c) it-tnaqqis tal-piż finanzjarju fuq il-bdiewa permezz tat-tfassil ta' mezzi ta' appoġġ addizzjonali, bħal pereżempju l-estensjoni tal-qafas temporanju dwar l-għajjuna mill-Istat, u jirrapurtaw lura lill-Kunsill Ewropew li jmiss;
- d) l-iżgurar ta' kompetizzjoni bbażata fuq ir-regoli u leali fil-livell dinji u fis-suq intern;
- e) l-indirizzar ta' kwistjonijiet relatati mal-Miżuri Kummerċjali Awtonomi għall-Ukrajna b'mod ġust u bilanċjat filwaqt li titħejja soluzzjoni fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni/Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva bejn l-UE u l-Ukrajna.

43. Il-Kunsill Ewropew ser ikompli jirrieżamina s-sitwazzjoni.

VIII. STAT TA' THEJJJA U RISONS GĦALL-KRIŻIJET

44. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa imperattiva għat-tisħiħ u l-koordinazzjoni tat-thejjja militari u ċivili u l-ġestjoni strateġika tal-kriżijiet fil-kuntest tax-xenarju ta' theddid li qed jevolvi. Huwa jistieden lill-Kunsill imexxi 'l quddiem il-ħidma u lill-Kummissjoni flimkien mar-Rappreżentant Għoli, tipproponi azzjonijiet fil-livell tal-UE għat-tisħiħ tat-thejjja u r-rispons għall-kriżijiet b'approċċ li jkopri l-perikli kollha u s-soċjetà kollha, b'kont meħud tar-responsabbiltajiet u l-kompetenzi tal-Istati Membri, bil-ħsieb ta' strateġija futura għat-thejjja.

IX. SEMESTRU EWROPEW

45. Il-Kunsill Ewropew japprova l-prijoritajiet ta' politika tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u jstieden lill-Istati Membri jikkunsidrawhom. Huwa approva wkoll l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

*

* *

Il-Kunsill Ewropew evalwa t-tħejjijiet għall-Aġenda Strateġika l-ġdida.